Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 1134/2005

**Eliza Company Limied**
**vs**
**Angelo Portelli karta ta' l-identita' 394257(M)**
**Giovanni Portelli I.D. numru 919048(M)**
**Martin Portelli I.D. numru 751526(M)**
**Francis Cutajar I.D. numru 207458(M)**
**Grezzju Cutajar I.D. numru 401855(M)**
**Paul Dimech I.D. numru 717841(M)**
**Joseph Tanti I.D. numru 220556(M)**
**Carmelo Giordimaina I.D. numru 304742(M)**
**Joseph Schembri I.D. numru 690347(M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** ta' Angelo Portelli et tal-25 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew:

Illi huma kienu nnizjaw proceduri simili pero' fuq kawzali differenti fejn kienu talbu li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 1509/04 mahrug fil-konfront taghhom fl-ismijiet premessi, liema mandat kien ghall-valur ta' Lm50,000 fuq kull wiehed.

Illi t-talba taghhom ghar-revoka ta' l-istess mandat ta' sekwestru giet michuda b'digriet tat-18 ta' Novembru 2005.
Illi pero' l-esponenti jirrilevaw illi fl-atti ta' dawk il-proceduri kien gie registrat verbal tal-partijiet fejn gie affermat li l-pretenzjonijiet in linea ta' danni riklamati mis-socjeta' attrici ma kinitx teccedi l' Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti u dan nonostante li l-mandat kif intqal hu ghas-somma ta' Lm50,000 fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti.

Illi ndubjament minhabba f'dan jirrizulta bl-iktar mod car u lampanti li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni huwa eccessiv ghax hu fis-somma t'ammont ferm akbar minn dak li qed jippretendi l-istess attur.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni u dan billi ttirriducih ghas-somma massima ta' Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti u dan fit-termini ta' l-artiklu 836(1) (d) tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat **l-att tar-rikors** ta' Angelo Portelli et tas-6 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettewi:

Illi l-esponenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni (Sek. Nru 1509/04) u dan billi tirriducih ghas-somma massima

ta' Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti u dan ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Illi senjatament l-esponenti eccepew illi l-istess socjeta' attrici kienet irregistrat verbal opportun fi proceduri opportuni ghar-revoka ta' l-istess mandat fejn iddikjarat li l-pretensjonijiet taghha in linja ta' danni ma kienux jaccedu l-Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti. Dan nonostante ma saret l-ebda riduzzjoni u s-sekwestru fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti baqa' fl-ammont ta' Lm 50,000.

Illi tenut dan kollu ghalhekk, jirrizulta bl-iktar mod car u lampanti illi s-sekwestru kif mitlub huwa vessatorju u malizzjuz.

Illi ghaldaqstant l-esponenti dehrilhom li kellhom izidu talba ulterjuri kif hawn taht spjegat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas penali fit-termini ta' l-artiklu 836(8) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-**risposta tas-socjeta' intimata Eliza Company Limited** a fol. 6 tal-process fejn issottomettiet:

Illi r-rikors ta' Angelo Portelli et huwa irritu u null.

Illi l-kwistjoni dwar il-mandat ta' sekwestru numru 1509/04 giet ittrattata fl-atti tar-Rikors Nru 229/2004. Dak ir-Rikors gie ttrattat u degretat fit-18 ta' Novembru 2005. B'hekk intemmu l-effetti ta' dan ir-rikors.

Illi l-konvenuti ma jistghux jipprezentaw rikors ghar-riduzzjoni ta' l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru 1509/04 billi jipprezentaw tali rikors fl-atti tac-Citazzjoni Nru 614/03 stante li rikors bhal dan kellu jigi pprezentat fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru stess.

Illi barra minn hekk, il-kwistjoni diga' giet ittrattata ezawrjentement.

Illi inoltre, mhux minnu li gie dikjarat illi d-danni reklamati ma kienux jeccedu s-somma ta' Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mis-sekwestrati. Dik il-figura kellha taqra Lm50,000 u hemm *misprint* car.

Ghaldaqstant ir-rikors ta' Angelo Portelli et ghandu jigi michud.

Rat l-atti kollha tar-rikorsi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2005 fl-atti tac-citazzjoni numru 614/03 GV;

Semghet lill Dr.Toni Abela u lill Dr. Aaron Mifsud Bonnici jixhdu;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-partijiet illimitaw il-provi u trattazzjoni taghhom ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-vertenza, cjoe jekk l-ammont fil-mandat ghandux jigi ridott jew le. Kwistjonijiet ohra ma gewx trattati.

Illi skond il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2005 fl-atti tal-kawza 229/2004 fl-ismijiet Eliza Co. Ltd vs Angelo Portelli et kien gie verbalizzat li:

“L-avukati difensuri jaqblu li l-mandati kif inhargu huma ntizi biex jinqabdu hamest elef lira kull wiehed mill-intimati”.

Ir-rikorrenti f'dan ir-rikors qed jitolbu li :

- din l-Onorabbli Qorti tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni u dan billi ttirriducih ghas-somma massima ta' Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti u dan fit-termini ta' l-artiklu 836(1) (d) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

- u li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas penali fit-termini ta' l-artiklu 836(8) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimati wiegbu li mhux minnu li gie dikjarat illi d-danni reklamati ma kinux jeccedu s-somma ta' Lm5,000 fil-konfront ta' kull wiehed mis-sekwestrati. Dik il-figura kellha taqra Lm50,000 u hemm *misprint* car.

Dr. Toni Abela ghar-rikorrenti xehed u kkonferma li kien sar verbal bi qbil mal-parti l-ohra fejn gie dikjarat li l-iskop tal-mandat kien li jinqabdu Lm5,000 kull ras u mhux globalment cjoe komplessivament nofs miljun lira. It-talba kienet ghal Lm50,000 u mhux ghal nofs miljun lira.

Dr. Mifsud Bonnici ghall intimati xehed li huma kienu qed jissottomettu li jekk il-Qorti ssib li persuna wahda hija responsabbili u mhux l-kumplament, allura l-ammont kellu jkun kawtelat kollu fil-konfront anke ta' kull persuna individwalment. Hu ma ftakarx il-kuntest partikolari li fih sar dak il-verbal

**Tikkunsidra**

Il-verbal li gie redatt quddiem dina l-Qorti kif presjeduta sar bi qbil bejn id-difensuri u taht id-dettatura taghhom, u kif redatt ma jhalli ebda dubbju li difensuri qablu li l-mandati li nhargu kienu ntizi biex jinqabdu hamest elef lura kull wiehed mill-intimati. Ma saret ebda riserva jew kwalifika li jekk persuna wahda biss tinsab responsabbli u mhux il-kumplament, allura l-ammont kellu jkun kawtelat kollu fil-konfront anke ta' kull persuna individwalment ghall-ammont kollu. Il-kwistjoni ta' solidarjeta ma ssemmiet imkien. Il-verbal redatt huwa car, u anke s-somma ta' Lm5,000 tnizzlet fi kliem u dan ma jhalliex dubbju li ma kien hemm ebda misprint. Jigi rilevat li fl-ebda mument din id-dikjarazzjoni f'dan il-verbal ma tregghet lura mid-difensur ta' l-intimati. Ghalhekk billi ma hemmx provi li jindikaw li dak il-verbal mhux preciz din l-Qorti hi fid-dover li tirrispetta l-validita' tal-verbali (ara vol LXXX111 p 2 p 126).

**DECIZJONI**

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi mulqugha u l-ammont fis-sekwestru ghandu jigi ridott ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghal kull wiehed mill-intimati fil-mandat.

Kwantu ghat-talba fit-tieni rikors fejn qed jintalbu penali a tenur ta' l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 u dana billi ma saret ebda riduzzjoni fl-ammont mitlub, ghalkemm kien sar il-verbal in kwistjoni, il-Qorti tiddeciedi li n-vista ta' dak deciz illum u stante li kien hemm dan id-dizgwid bejn il-partijiet, u l-intimati kienu ghadhom qed jirritjenu li l-mandat kien ghas-somma globalment, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li kien hemm xi malizzja fil-hrug tal-mandat kif inhareg jew kif baqa' u ghalhekk m'hemmx lok ghall imposizzjoni ta' penali.

Dwar spejjez kull parti ghandha tehel l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------